Maltese / Malti

Australian Government

HUWA OBBLIGATORJU LI TIVVOTA

# Il-ktejjeb dwar ir-referendum

uffiċjali tiegħek

DAN IL-KTEJJEB JINKLUDI:




paġna 5




paġna 23

# Dwar dan il-ktejjeb

Dan il-ktejjeb uffiċjali dwar ir-referendum għandu żewġ dokumenti importanti: Il-fuljett uffiċjali tiegħek tar-referendum dwar il-Yes/No u L-gwida uffiċjali tiegħek għar-referendum 2023.




## paġna 5 Il-fuljett uffiċjali tiegħek tar-referendum dwar il-Yes/No

### Paġna 6 X'jista' jinbidel fil-Kostituzzjoni

Din il-paġna tidentifika il-bidliet proposti li għandhom isiru fil-Kostituzzjoni.

Il-liġi proposta għaddiet miż-żewġ Kmamar tal-Parlament: Constitution Alteration (Aboriginal and Torres Strait Islander Voice) 2023 (Bidla fil-Kostituzzjoni (Il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait) 2023).

### Paġna 7 L-argumenti Yes u No

L-argumenti biex wieħed jivvota Yes u l-argument biex wieħed jivvota No huma preżentati ħdejn xulxin.

L-argumenti Yes/No ġew provduti mill-maġġoranza tal-membri tal-Parlament li vvutaw favur jew kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument.

**L-AEC m'għandhiex l-awtorità leġislattiva biex tibdel jew tiċċekkja l-fatti dwar l-argumenti Yes jew No.**




## paġna 23 Il-gwida uffiċjali tiegħek għar-referendum 2023

Il-gwida uffiċjali tinkludi informazzjoni importanti dwar il-votazzjoni u postijiet tal-votazzjoni, u messaġġ mill-Kummissarju Elettorali.

Il-gwida uffiċjali ġiet preparata mill-Kummissjoni Elettorali Awstraljana (AEC).



# Verżjonijiet tradotti u formati aċċessibbli

**Il-ktejjeb uffiċjali tiegħek dwar ir-referendum huwa disponibbli bl-Ingliż u b'lingwi oħrajn ta' komunitajiet kulturalment u lingwistikament diversi, f'lingwi tal-Ewwel Nazzjonijiet (bl-awdjo biss), u hemm verżjonijiet bil-lingwa Ingliża għal votanti li huma għomja jew li għandhom vista baxxa, u f'format li jinqara faċilment (Easy Read) (il-gwida uffiċjali biss).**

**Għal aktar informazzjoni dwar il-votazzjoni u r-referendum, jekk jogħġbok ċempel 1300 720 153 għal għajnuna bil-lingwa tiegħek.**

Din il-paġna tħalliet vojta apposta.



Australian Government

HUWA OBBLIGATORJU LI TIVVOTA

# Il-fuljett uffiċjali tiegħek tar-referendum dwar il-YES|NO

# X'jista' jinbidel fil-Kostituzzjoni

## Dikjarazzjoni dwar it-tibdiliet proposti li jsiru lill-Kostituzzjoni

Il-liġi proposta, li hija, Constitution Alteration (Aboriginal and Torres Strait Islander Voice) 2023, (Bidla fil-Kostituzzjoni (Vuċi għall-Aboriġina u ta' persuni mill-Gżejjer ta' Torres Strait) 2023) tbiddel il-Kostituzzjoni billi iddaħħal il-kliem li ġej wara l-Kapitlu VIII:

**Chapter IX—Recognition of Aboriginal and Torres Strait Islander Peoples (Kapitlu IX—Rikonoxximent tal-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait)**

**129 Aboriginal and Torres Strait Islander Voice (Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait)**

Bħala rikonoxximent tal-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait bħala l-Ewwel Popli tal-Awstralja:

(i) ser ikun hemm korp, imsejjaħ il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait;

(ii) il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait tista' tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Parlament u lill-Gvern Eżekuttiv tal-Commonwealth fuq kwistjonijiet relatati mal-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait;

(iii) il-Parlament, suġġett għal din il-Kostituzzjoni, ser ikollu l-poter li jagħmel liġijiet li jirigwardjaw kwistjonijiet relatati mal-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait, inkluż il-kompożizzjoni, il-funzjonijiet, il-poteri u l-proċeduri tagħha.

Il-liġi proposta ser tibdel ukoll il-Kostituzzjoni billi iddaħħal il-kliem li ġej fil-Werrej tal-Kostituzzjoni, wara r-referenza għal 'Chapter VIII Alteration of the Constitution' ('Kapitlu VIII Tibdil tal-Kostituzzjoni'):

| | |
|---|---|
| Chapter IX | Recognition of Aboriginal and Torres Strait Islander Peoples |
| (Kapitlu IX | Rikonoxximent tal-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait) |



# Fil-paġni li ġejjin ser issib l-argumenti **Yes** u **No**

L-argumenti għal kull każ ġew provduti mill-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament u Senaturi li vvutaw favur jew kontra l-liġi proposta biex tinbidel il-Kostituzzjoni, u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument.

Dawk li ivvutaw għall-liġi proposta, u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem dan l-argument, ħolqu l-każ Yes, fil-waqt li dawk li ivvutaw kontra l-liġi proposta, u li xtaqu li javvanzaw dan l-argument, ħolqu l-każ No.

In-numru ta' kliem huwa ristrett għall-2,000 kelma bl-Ingliż għal kull każ mill-artiklu 11(1) tar-*Referendum (Machinery Provisions) Act 1984* (Cth) *(L-Att tal-1984 dwar Proviżjonijiet tal-Operat tar-Referendum)*.

# L-argument biex tivvota

## Yes

L-argument biex tivvota **Yes**
jibda f'**paġna 10**
u imbagħad huwa preżentat
f'paġni alternati.

**Liġi proposta:**

Biex tibdel il-Kostituzzjoni ħalli tirrikonoxxi l-Ewwel Popli tal-Awstralja billi twaqqaf Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

**A proposed law:**

To alter the Constitution to recognise the First Peoples of Australia by establishing an Aboriginal and Torres Strait Islander Voice.

**Minn min inkiteb?** Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.



# L-argument biex tivvota

## No

L-argument biex tivvota **No**
jibda f'**paġna 11**
u imbagħad huwa preżentat
f'paġni alternati.

**Liġi proposta:**

Biex tibdel il-Kostituzzjoni ħalli tirrikonoxxi l-Ewwel Popli tal-Awstralja billi twaqqaf Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

**A proposed law:**

To alter the Constitution to recognise the First Peoples of Australia by establishing an Aboriginal and Torres Strait Islander Voice.

**Minn min inkiteb?** Thll-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.

# L-argument biex tivvota **Yes**

## Ivvota Yes għal futur aħjar għall-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait u għall-Awstraljani kollha.

## Ivvota Yes għall-għaqda, tama u biex tagħmel differenza pożittiva.

### Li tivvota YES tirrigwarda:

**Rikonoxximent**

- **Nirrikonoxxu** lill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait fil-Kostituzzjoni tagħna u nroddu r-rispett lil 65,000 sena ta' kultura u tradizzjoni.

**Smigħ**

- **Nisimgħu** pariri mill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait dwar kwistjonijiet li jaffettwaw ħajjithom, biex il-gvern jieħu deċiżjonijiet aħjar.

**Riżultati Aħjar**

- **Nagħmlu progress prattiku** fis-saħħa, edukazzjoni, xogħol u akkomodazzjoni Indiġeni, biex il-persuni jkollhom ħajja aħjar.

### Din hija bidla li tista' sseħħ biss permezz tiegħek.

Ivvota Yes għal idea li ġejja direttament mill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait stess: **Rikonoxximent Kostituzzjonali permezz ta' Vuċi (Constitutional Recognition through a Voice).**

### X'inhi l-Vuċi:

Il-Vuċi (Voice) ser tkun kumitat tal-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait li ser jagħti pariri lill-Parlament u lill-Gvern dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-komunità tagħhom.

Ser jinkludi Awstraljani Indiġeni minn kull stat u territorju, mill-Gżejjer ta' Torres Strait u minn rappreżentanti mir-reġjuni u komunitajiet remoti.

Membri tal-Vuċi ser jintgħażlu mill-poplu Aboriġinu u mill-Gżejjer ta' Torres Strait fil-lokalità tagħhom u jservu għal żmien fiss.

### Għalfejn għandna bżonnha:

Hemm sfidi kbar li qed jiffaċċjaw lill-poplu Aboriġinu u ta' Torres Strait:

- Medja ta' kemm jgħixu li hija 8 snin anqas minn Awstraljani li m'humiex Indiġeni.
- Rati agħar ta' mard u mortalità fit-tfal.
- Rata ta' suwiċidju li hija darbtejn ogħla.
- Anqas opportunitajiet għal edukazzjoni u taħriġ.

Huwa ċar li l-approċċ ta' bħalissa mhux qed jaħdem.

Biex nagħlqu dan id-distakk, insibu soluzzjonijiet u nippjanaw għall-futur, irridu nisimgħu l-pariri mill-poplu Aboriġinu u mill-Gżejjer ta' Torres Strait dwar kwistjonijiet li jaffettwaw ħajjithom u l-komunitajiet tagħhom.

### Kif ser taħdem il-Vuċi:

**Il-Vuċi tirrigwarda pariri**.

Meta l-gvernijiet jisimgħu lill-poplu dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom, huma:

- Jieħdu deċiżjonijiet aħjar.
- Ikollhom riżultati aħjar.
- Iwasslu valur aħjar għall-flus.

Ikompli l-argument Yes p.12

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**



# L-argument biex tivvota **No**

## RAĠUNIJIET BIEX TIVVOTA NO – FIL-QOSOR

Dan ir-referendum m'huwiex sempliċiment dwar ''rikonoxximent". Din il-proposta tal-Vuċi (Voice) tmur aktar 'il bogħod.

Jekk jgħaddi, ikun jirrappreżenta l-ikbar bidla fil-Kostituzzjoni tagħna fl-istorja tagħna.

Legalment huwa riskjuż, b'konsegwenzi mhux magħrufa. Ikun diviżiv u permanenti.

**Jekk ma tafx, ivvota no.**

### RISKJUŻ

Aħna lkoll irridu ngħinu lill-Awstraljani Indiġeni f'komunitajiet żvantaġġjati. Madankollu, din il-Vuċi m'hijiex ir-risposta u tippreżenta riskju ta' vera lis-sistema tal-gvern tagħna.

Speċifikament din il-Vuċi tkopri l-aspetti kollha ta' ''Gvern Eżekuttiv". Dan ifisser li l-ebda kwistjoni ma tkun barra mill-firxa tagħha.

Finalment, il-Qorti Għolja ser tidetermina l-poteri tagħha, mhux il-Parlament.

Tirriskja sfidi legali, dewmien u gvern li ma jiffunzjonax.

### MHUX MAGĦRUF

L-ebda dettalji ma ġew ipprovduti dwar kif ser jintgħażlu l-membri tal-Vuċi jew kif ser topera. L-Awstraljani qegħdin jiġu mitluba biex l-ewwel jivvotaw qabel ma inħadmu dawn id-dettalji.

**L-Awstraljani għandhom ikollhom dettalji qabel il-vot, mhux wara.**

Ma nafux kif ser taħdem, ma nafux min ser ikun fiha, imma li nafu hu li ser tifridna għal dejjem bħala Awstraljani.

Xi persuni li jissapportjaw il-Vuċi qed jgħidu li din sempliċiment ser tkun l-ewwel pass għar-reparazzjoni u kumpens u tibdil radikali ieħor. Allura, x'ser jiġri wara?

### DIVIŻIV

Li tagħmel Vuċi bħala parti mill-Kostituzzjoni għal grupp wieħed biss ta' Awstraljani ifisser li dan ser jaqsam lil pajjiżna darba għal dejjem.

Joħloq klassijiet differenti ta' ċittadinanza permezz ta' korp mhux magħruf li ser ikollu l-forza kollha tal-Kostituzzjoni warajh. Ħafna Awstraljani Indiġeni ma jissapportjawx dan.

### PERMANENTI

Li tpoġġi Vuċi fil-Kostituzzjoni ifisser li tkun permanenti. Ser inkunu mwaħħlin b'konsegwenzi negattivi.

## GĦAXAR RAĠUNIJIET BIEX TIVVOTA NO

### 1. DIN IL-VUĊI HI LEGALMENT RISKJUŻA

Il-Kostituzzjoni tal-Awstralja hija l-aktar dokument legali importanti tagħna. Kull kelma tista' tkun miftuħa għal interpretazzjoni.

L-Awstralja ma bidlitx il-Kostituzzjoni tagħha mill-1977. **Din tkun l-akbar bidla għad-demokrazija tagħna fl-istorja tal-Awstralja.**

Hija qabża lejn dak li mhux magħruf. Din il-Vuċi għadha ma ġietx ittestjata. M'hemm l-ebda korp kostituzzjonali komparabbli bħal dan fl-ebda post fid-dinja.

Li tagħmel Vuċi parti mill-Kostituzzjoni jfisser li ser ikun suġġett għal sfida u interpretazzjoni legali mill-Qorti Għolja.

L-esperti legali ma jaqblux, u ma jistgħux ikunu jafu fiż-żgur, kif il-Qorti Għolja ser tinterpreta bidla kostituzzjonali bħal din.

Ikompli l-argument No p.13

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

# L-argument biex tivvota **Yes**

Il-Vuċi ser tagħti parir dwar kwistjonijiet ewlenin li qed jiffaċċja l-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait, minn saħħa aħjar għat-tfal sa titjib fis-servizzi f'lokalitajiet remoti.

Il-Parlament u l-Gvern xorta ser jibqgħu responsabbli għall-liġijiet, programmi u iffinanzjar.

**Patrick Dodson, Senatur għal Western Australia, Mexxej tal-Yawuru:**
*"Meta persuni mill-komunità jiġu mismugħin u involuti, isiru liġijiet u politiki aħjar. Parir mill-Vuċi ser jirrendi lid-deċiżjonijiet u d-direzzjonijiet tagħna aktar infurmati u ta' suċċess. Rikonoxximent fil-Kostituzzjoni ser tgħin biex pajjiżna ifieq."*

## IL-VUĊI: FATTI EWLENIN

- L-idea ġejja mill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait
- Tirrikonoxxi lill-Ewwel Popli (First Peoples) fil-Kostituzzjoni tagħna.
- Kumitat tal-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.
- Tagħti lill-poplu vuċi dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom.
- Li tisma' ifisser riżultati aħjar – u valur aħjar għall-flus.
- Rappreżentanti mill-istati u t-territorji, mill-Gżejjer ta' Torres Strait u minn komunitajiet remoti.
- Ser tinkludi żgħażagħ u numru bilanċjat ta' irġiel u nisa.
- Il-Parlament u l-Gvern xorta għadhom responsabbli għall-liġijiet, programmi u iffinazjar.

## KOMPLI AQRA GĦAL 8 RAĠUNIJIET OĦRA BIEX TIVVOTA YES.

## 1. Din l-idea ġiet direttament mill-poplu Aboriġinu u mill-Gżejjer ta' Torres Strait.

Li tivvota Yes ifisser:

- Qed tissapportja aspirazzjoni li tressqet mill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait matul is-snin.
- Qed taċċetta proposta appoġġjata minn aktar minn 80% tal-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

**Is-sejħa għall-Vuċi ma ġietx minn politiċi.**

Fis-sena 2017, wara ħafna snin ta' ħidma u konverżazzjonijiet bla għadd f'kull parti tal-pajjiż, kważi 250 mexxejja u anzjani approvaw *id-Dikjarazzjoni mill-Qalb ta' Uluru (Uluru Statement from the Heart).*

Issejjaħ għal rikonoxximent fil-Kostituzzjoni permezz tal-Vuċi.

Titlobna biex ngħinu biex isir tibdil prattiku f'ħajjithom u biex jinħolqu opportunitajiet aħjar għal uliedhom.

| |
|---|
| Awstraljani minn kull qasam tal-ħajja, twemmin u kulturi kollha, u n-naħat kollha tal-politika taw is-sapport tagħhom lil din il-proposta. |

Issa nistgħu nagħmluha realtà.

Li tivvota Yes hija att ta' għaqda li ser tiġbor l-Awstraljani flimkien.

## 2. Rikonoxximent kostituzzjonali għal riżultati konkreti.

Ir-rikonoxximent kostituzzjonali huwa dikjarazzjoni b'saħħitha li ser iġġib bidla prattika.

**Li tivvota Yes tfisser:**

- Li tirrikonoxxi l-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait bħala l-Ewwel Popli tal-Awstralja.
- Tiċċelebra u taqsam 65,000 sena ta' storja.
- Tibgħat messaġġ qawwi lid-dinja dwar l-għaqda tal-Awstralja.
- Tagħmel differenza prattika għall-futur.

Ikompli l-argument Yes p.14

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**





# L-argument biex tivvota **No**

**"Nipprevedi għaxar snin jew aktar ta' litigazzjoni tal-liġi kostituzzjonali u amministrattiva li tirriżulta minn vuċi..."**
(*Ian Callinan AC KC, eks Imħallef tal-Qorti Għolja*)[1]

Din toħloq problema/i legali bla preċedent.

## 2. M'HEMM L-EBDA DETTALJI

Din hija deċiżjoni kbira. Madankollu, **il-Gvern mhux qed jiżvela dettalji ewlenin qabel il-vot**.

Ma nafux kif ser tgħin komunitajiet żvantaġġjati u kif ser tnaqqas id-distakk.

Ma nafux kemm membri ser ikollha din il-Vuċi.

Ma nafux jekk ser ikunu eletti jew magħżulin, jew kif ser iseħħ dan.

Ma nafux kif ser tagħmel rappreżentazzjonijiet jew kif ser tinżamm responsabbli.

| |
|---|
| Dawn id-dettalji ser jinħadmu biss wara li l-Awstraljani jkunu ivvuttaw. |

Skont il-kampanja Yes, *"ma jagħmilx sens"* li jkollna d-dettalji qabel il-vot:

"ma jagħmilx sens li ssir dik il-konsultazzjoni dettaljata qabel ma jkollna s-sapport tal-poplu Awstraljan biex tinbidel il-Kostituzzjoni."
(*Yes23 Fuljett*)

Din hija bil-kontra.

Mhux ser tixtri dar mingħajr ma tispezzjonaha jew karozza mingħajr ma ssuqha.

Imma qed tiġi mitlub biex tivvota biex tinbidel il-Kostituzzjoni tagħna bla dettalji.

L-Awstraljani m'għandhomx jiġu mitluba jiffirmaw ċekk vojt.

"Kif inhu possibli li l-Awstraljani jaqblu ma' xi ħaġa meta ma nafux id-dettalji?"
(*Is-Senatriċi Kerrynne Liddle, Kelliema tal-Oppożizzjoni fuq Protezzjoni tat-Tfal u l-Prevenzjoni ta' Vjolenza fil-Familja u mara Arrernte*)

## 3. TIFRIDNA

| |
|---|
| Li nagħmlu korp bħala parti mill-Kostituzzjoni tagħna għal grupp wieħed ta' Awstraljani ifisser li ser jifred lill-Awstraljani darba għal dejjem. Ħafna Awstraljani Indiġeni ma jaqblux ma' dan. |

**"Din il-Vuċi m'hiex ser tgħaqqadna, ser tifridna skont ir-razza."**
(*Senatriċi Jacinta Nampijinpa Price, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Awstraljani Indiġeni u mara Warlpiri*)

Dan imur kontra prinċipju ewlieni tas-sistema demokratika tagħna, li l-Awstraljani kollha huma ugwali quddiem il-liġi.

"L-inklużjoni tal-proposta sezzjoni 129 ser tfisser li nsiru pajjiż fejn jiġri li, skont meta aħna jew l-antenati tagħna nkunu ġejna l-ewwel f'dan il-pajjiż, ma nkunux ilkoll ugwali."
(*David Jackson AM KC, eks Imħallef tal-Qorti Federali*)[2]

Il-Kostituzzjoni tagħna tappartjeni lill-Awstraljani kollha. Il-Parlament tagħna qiegħed hemm biex jirrappreżenta lill-Awstraljani kollha. Issa jinkludi record ta' 11-il Membru u Senatur Indiġenu.

Riċentament l-innu nazzjonali tagħna inbidel biex jirrifletti l-fatt li aħna "one and free" (uniti u liberi).

**Min-naħa l-oħra, din il-Vuċi ser tifred lill-Awstraljani għal dejjem, fil-liġi u fl-ispirtu.**

1 The Australian, 17/12/2022
2 Sottomissjoni għall-Inkjesta Parlamentari, 11/04/2023

Ikompli l-argument No p.15

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

# L-argument biex tivvota **Yes**

Ġenerazzjonijiet tal-poplu Aboriġinu u ta' Torres Strait arrikkew lil pajjiżna bil-kultura u l-kreattività l-għarfien dwar l-art u sorsi tal-ilma, u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ħajja Awstraljana.

Il-kontinent anzjan tagħna għandu l-kultura l-aktar antika tad-dinja. Li nirrikonoxxu dan fil-Kostituzzjoni tagħna hija mod ispirat biex niċċelebraw l-istorja komuni tagħna.

Li tivvota Yes huwa att ta' rikonċiljazzjoni li ser twassal riżultati veri.

Il-forma ta' rikonoxximent li l-Awstraljani Indiġeni qed jitolbuna biex nissapportjaw huwa Vuċi. Mezz għal bidla prattika.

**Johnathan Thurston, rebbieħ u kowċ tal-NRL, raġel Gunggari:**
*"Iż-żgħażagħ tagħna jistħoqqilhom iċ-ċans li jkunu l-aħjar. Jiena naħdem mill-qrib ma' tfal tal-iskola fil-komunità ta' Yarrabah fi Queensland. Rajt l-ostakoli li jiffaċċjaw. Ħadd ma jifhem dan aħjar mill-komunità lokali tagħhom. Li ittihom vuċi ifisser li aktar tfal minn tagħna jilħqu l-potenzjal tagħhom. Dan hu dak li hi l-Vuċi."*

## 3. Tiżgura li l-poplu jkollu ħajja aħjar.

Il-Vuċi hija mezz biex jitwasslu titjib veri lill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait fil:

- Medja ta' kemm jgħixu.
- Mortalità u saħħa tat-tfal.
- Edukazzjoni u xogħol.

Għal żmien twil, gvernijiet b'intenzjonijiet tajba nefqu l-biljuni biex jippruvaw jittrattaw dawn il-kwistjonijiet.

Iżda ma kisbux titjib dejjiemi għax ma semgħux lin-nies fil-komunità.

L-approċċ ta' bħalissa huwa miksur u l-Vuċi huwa l-aħjar ċans tagħna biex insewwuh.

Ħadd ma jaħseb li l-Vuċi ser issolvi kollox mal-ewwel – imma fl-aħħar se jkollna l-approċċ it-tajjeb f'postu.

**Hawn tlett eżempji fejn meta l-poplu Indiġenu ġie mismugħ dan wassal għal riżultati aħjar.**

**IMMAĠINA L-PROGRESS LI KIEKU TISTA' TAGĦMEL L-AWSTRALJA PERMEZZ TA' VUĊI.**

### Li tisma' jġib riżultati: Servizzi tas-Saħħa aħjar

Servizzi Mediċi Aboriġini li huma ikkontrollati mill-komunità- jimpjegaw persuni Indiġeni lokali.

Imexxu kliniċi u jżuru lokalitajiet remoti, u jipprovdu servizzi essenzjali bħat-tilqim tat-tfal.

Fix-xlokk ta' Queensland, is-Servizz Mediku Aboriġinu lokali u l-komunità jaħdmu flimkien biex in-numru ta' ċċekkjar tas-saħħa annwali jikber ħafna, minn 550 sa aktar minn 20,000 fuq 10 snin.

### Li tisma' jġib riżultati: Riżultati aħjar fl-Edukazzjoni

Familji u mexxejja tal-komunità huma involuti f'kull pass tal-iskola l-ġdida Dhupuma Barker f'Arnhem Land, minn pjanar tal-lezzjonijiet sa uniformijiet u ikel.

Sħubija ġenwina wasslet għal **rati b'saħħithom ta' attendenza fl-iskola u riżultati aħjar**. It-tim tar-Robotika 'Dhupuma Firebirds' riċentament ikkompeta fil-Kampjonati Internazzjonali VEX f'Texas, l-ewwel tim minn Northern Territory li qatt ikkwalifika.

Is-surmast Phillip Heath jgħid:
*"Li wieħed jisma' lill-komunità, iġġib bidla radikali fl-edukazzjoni reġjonali u remota."*

### Li tisma' jġib riżultati: Rangers Inidiġeni

Hemm kważi 2,000 Rangers Indiġeni li jaħdmu fuq l-art.

Ir-rangers jieħdu ħsieb l-ambjent tagħna billi **jaħdmu biex jipprevjenu nirien, jikkontrollaw annimali selvaġġi li jagħmlu l-ħsara u jtejjbu s-saħħa tax-xmajjar tagħna.**

Ikompli l-argument Yes p.16

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**



# L-argument biex tivvota **No**

"Aħna lkoll Awstraljani. U hekk għandna nibqgħu. M'għandux jinfired minħabba l-hekk imsejħa Vuċi li ser taqsam lil dan il-pajjiż eżatt fin-nofs."
(*Ian Conway, Kustodi Anzjan ta' Central Arrernte*)

## 4. M'HIJIEX SER TGĦIN LILL-AWSTRALJANI INDIĠENI

Aħna lkoll irridu ngħinu lill-Awstraljani Indiġeni f'komunitajiet żvantaġġjati, biex jitnaqqas id-distakk u biex niksbu rikonċiljazzjoni.

**Madankollu, aktar burokrazija m'hijiex ir-risposta/soluzzjoni.**

Bħalissa hawn mijiet ta' korpi rappreżentattivi Indiġeni fil-livelli kollha tal-gvern, flimkien mal-Aġenzija Nazzjonali għal Awstraljani Indiġeni li għandha 1,400 impjegat.

Vuċi ċentralizzata tirriskja li tinjora l-bżonnijiet ta' komunitajiet reġjonali u remoti.

"Vuċi nazzjonali ma tistax titkellem għall-pajjiż."
(*Nyunggai Warren Mundine AO, Membru tal-Bord tal-Australians for Unity u raġel Bundjalung*)

Bħalissa, ħafna vuċijiet qegħdin jgħajjtu għall-għajnuna biex jittrattaw problemi soċjali devastanti f'xi komunitajiet remoti. Li hemm bżonn hija azzjoni.

**"Li għandna bżonn f'Canberra huma widnejn, mhux Vuċi."**
(*Is-Senatriċi Jacinta Nampijinpa Price, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Awstraljani Indiġeni u mara Warlpiri*)

## 5. L-EBDA KWISTJONI MA TKUN BARRA MILL-FIRXA TAGĦHA

Dan il-mudell ta' Vuċi m'hijiex biss għall-Parlament, tmur aktar 'il bogħod – għal kull aspett ta' ''Gvern Eżekuttiv". **Dan jinkludi d-dipartimenti, aġenziji u korpi oħrajn tal-gvern kollha (bħall-Bank ta' Riżerva).**

Deċiżjonijiet rigward l-ekonomja, is-sigurtà nazzjonali, infrastruttura, saħħa, edukazzjoni u aktar, ser ikunu kollha taħt l-għan tagħha.

Fi kliem ta' membru tal-Grupp ta' Ħidma għar-Referendum tal-Gvern:

"Il-vuċi ser tkun tista' titkellem mal-partijiet kollha tal-gvern, inkluż il-kabinett, ministri, ħaddiema tas-servizz pubbliku, u uffiċċji u aġenziji statutorji indipendenti – bħall-Bank ta' Riżerva…Ma jkunx jista' jagħlaq ħalq il-vuċi."
(*Professuri Megan Davis u Gabrielle Appleby*)[3]

Fi kliem professor tal-liġi kostituzzjonali li jissapportja l-Vuċi:

"Naħseb li hija żbaljata b'mod fatali għax li tagħmel din hu li żżomm il-firxa sħiħa ta' reviżjoni ta' azzjoni eżekuttiva. Dan ifisser li l-Vuċi tista' tikkummenta fuq kollox minn sottomarini sa multi tal-parking…Ikollna interventi ġudizzjarji regolari."
(*Professor Greg Craven AO*)[4]

Ħafna esperti legali esprimew tħassib dwar l-għan tagħha, madankollu t-tħassib tagħhom ġie sempliċiment injorat.

## 6. TIRRISKJA DEWMIEN U DISFUNZJONI

Il-Parlament Awstraljan jitratta mijiet ta' bċejjeċ ta' leġiżlazzjoni kull sena.

L-għan tal-Vuċi tmur lil hinn mill-Parlament, u tkopri dipartimenti, aġenziji u l-aspetti kollha tal-"Gvern Eżekuttiv."

Kif ser tagħmel dan il-Vuċi?

**Jekk il-Vuċi ma tkunx sodisfatta bil-mod li ġiet konsultata, jew kif ittieħdet deċiżjoni, tkun tista' tappella lill-qrati. Kemm żmien ser jieħu dan?**

Ħafna esperti legali wissew li dan ser jikkawża dewmien konsiderevoli fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

3 The Australian, 1/4/2023
4 Daily Mail, 24/3/2023

Ikompli l-argument No p.17

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

# L-argument biex tivvota Yes

Li tisma' r-Rangers Indiġeni jfisser li qed naqsmu f'65,000 sena ta' għarfien u konnessjoni mal-art u s-sorsi tal-ilma tagħna.

**Ivvota Yes għal riżultati aħjar madwar l-Awstralja.**

**Ivvota Yes biex tnaqqas id-distakk.**

## 4. Tgħaqqad il-pajjiż flimkien.

Li tivvota Yes tfisser:

- Li nirrikonċiljaw ruħna mal-passat tagħna u li nersqu lejn futur aħjar.
- Bidla li tista' sseħħ biss permezz tiegħek.

L-Awstralja avvanzat ħafna minn mindu daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni tagħna fl-1901.

Issa kif inhu xieraq aħna niċċelebraw l-Awstraljani Indiġeni u l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-pajjiżna.

Fir-referendum tal-1967, 90% tal-Awstraljani ivvutaw Yes biex tinbidel il-Kostituzzjoni, biex il-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait ikunu magħdudin mal-popolazzjoni bħal ħaddieħor.

Kien pass 'l quddiem għall-għaqda.

Flimkien għandna ċans li nagħmlu l-pass li jmiss – li nirrikonoxxu l-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait permezz tal-Vuċi.

Pajjiżi oħrajn bi storja simili, bħall-Kanada u New Zealand, irrikonoxxew formalment lill-Ewwel Popli tagħhom għexieren ta' snin ilu.

**L-esperjenza turi li m'hemmx minn xhiex wieħed jibża' – u ħafna x'wieħed jiggwadanja.**

**Rachel Perkins, Produttriċi tal-films minn Alice Springs, mara Arrernte/Kalkadoon:**
*"Il-poplu tagħna għadda snin sħaħ jikkampanja għal opportunità għal ħajja aħjar. Qatt ma konna aktar determinati jew magħqudin. Il-Vuċi hi l-aħjar ċans tagħna, ejjew nieħduh."*

## 5. Tiffranka l-flus.

Meta l-gvernijiet jisimgħu lill-poplu, ikollhom riżultati aħjar u jużaw il-fondi b'mod aktar effettiv.

**Aunty Pat Anderson AO, Ko-President ta' Uluru Dialogues, mara Alyawarre:**
*"Meta tinvolvi lill-poplu, ser tieħu deċiżjonijiet aħjar u l-flus li tonfoq imorru fejn l-aktar hemm bżonn: lill-poplu fil-komunità."*

Il-Gvernijiet minn kull naħa investew biljuni fi programmi li ma solvewx problemi jew laħqu komunitajiet.

Vuċi ser tgħinna nisimgħu lin-nies tal-lokal u niffrankaw il-flus.

Ilkoll inkunu aħjar meta l-gvernijiet ma jaħlux il-flus ta' min iħallas it-taxxa fuq affarijiet li mhux qed jaħdmu tajjeb.

## 6. Iż-żmien huwa issa.

L-idea ta' Vuċi ilha ġejja ħafna snin. Ħafna persuni Aboriġini u mill-Gżejjer ta' Torres Strait għamlu xogħol iebes ħafna u rieda tajba.

Jekk tivvota No ifisser li xejn m'hu ser jinbidel.Ifisser li qed naċċettaw li ma nistgħux nagħmlu aħjar.

**Tirriskjax affarijiet bħal qabel:**

- Medja ta' kemm jgħixu agħar
- Riżultati agħar fl-edukazzjoni u fix-xogħol.
- Riżultati agħar fis-saħħa.

Ivvota Yes biex tkisser dan iċ-ċiklu u tgħaqqad lil pajjiżna.

Ikompli l-argument Yes p.18

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**



# L-argument biex tivvota No

"Fiż-żgur li l-Vuċi ser tkun ikkritikata minħabba diskussjoni mtawwla dwar firxa kbira ta' kwistjonijiet kurrenti. Kważi kull kwistjoni kurrenti fl-aġenda nazzjonali ser tkun ikkunsidrata li għandha xi tip ta' komponiment Indiġenu."
(*Nicholas Hasluck AM KC, eks Imħallef tal-Qorti Suprema tal-WA*)[5]

Ir-riskju ta' appelli u dewmien legali jfisser riskju ta' gvern li ma jiffunzjonax.

Dan mhux tajjeb għall-Awstralja.

## 7. TIFTAĦ IL-BIEB GĦALL-ATTIVISTI

L-inċertezza legali u l-assenza ta' dettalji iqajjmu l-mistoqsija: x'ser jiġri wara?

> Xi sapporters tal-Vuċi qegħdin minn quddiem li jgħidu li l-Vuċi ser tkun l-ewwel pass għal riparazzjonijiet u kumpens u bidliet radikali oħra.

"Dan hu l-ewwel pass, huwa pass vitali u li jpoġġi l-ispjegazzjoni kollha warajh. Per eżempju, 'Ħallas il-Kera' ('Pay the Rent'), kif ser nagħmlu dan b'mod li huwa trasparenti u li attwalment jara riparazzjonijiet u kumpens lill-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait…?"
(*Thomas Mayo, Grupp ta' Ħidma għar-Referendum*)[6]

Id-Dikjarazzjoni mill-Qalb ta' Uluru (Uluru Statement from the Heart) tgħid li l-Vuċi hija l-ewwel pass, qabel trattat u qabel ma tingħad/toħroġ il-verità.

Trattat ifisser ftehim bejn gvernijiet, mhux bejn grupp ta' ċittadini u l-gvern tiegħu.

Membru tal-Grupp ta' Ħidma għar-Referendum tal-Gvern iddeskriva "il-verità" bħala "azzjoni" biex twassal għat-"tneħħija ta' istituzzjonijiet kolonjali antiki".

"Hija mod kif nestendu dak li għandna bżonn għall-poplu tagħna fi kwalunkwe negozjati għal trattati u affarijiet oħrajn bħal leġiżlazzjoni, riforma u tneħħija ta' istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet kolonjali antiki li jagħmlulna ħsara."
(*Thomas Mayo, Grupp ta' Ħidma għar-Referendum*)[7]

Ħafna attivisti diġà qegħdin jagħmlu kampanja biex **titneħħa Australia Day, biex tinbidel il-bandiera u istituzzjonijiet u simboli tagħna** li huma importanti għall-Awstraljani.

"Dejjem kienet dwar #abolishAustraliaDay, li tinbidel id-data tfisser li wieħed qed jaħrab mir-responsabbiltà."
(*Teela Reid, Grupp għal Impenn għar-Referendum*)[8]

Jekk hemm Vuċi li tagħmel parti mill-Kostituzzjoni, dawn is-sejħiet ser jagħmlu aktar ħoss.

"L-Awstraljani jridu jifhmu li l-Vuċi ser tintuża biex tissapportja t-talbiet għal rikonoxximent ta' sovranità ko-eżistenti, kummissjoni Makarrata ddisinjata biex tipproduċi trattat u kumpens finanzjarju, u kitba mill-ġdid tal-istorja Awstraljana… Il-potenzjal ta' ħsara li ma tistax tissewwa għas-soċjetà Awstraljana jfisser li l-vuċi m'għandha qatt tkun inkorporata fil-kostituzzjoni Awstraljana…"
(*Terence Cole AO RFD KC, eks Imħallef tal-Qorti Suprema tan-NSW*)[9]

## 8. SER TQUM ĦAFNA FLUS U SER TKUN BUROKRATIKA

Ma nafux kemm finanzjament addizzjonali ser ikun allokkat għal din il-Vuċi.

Dan hu dettal ieħor li ser jiġi determinat biss wara r-referendum.

**Bħalissa hawn mijiet ta' korpi rappreżentattivi Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait** fil-livelli kollha tal-gvern.

> Din is-sena, il-Gvern alloka $4.3 biljun għall-Aġenzija Nazzjonali għal Awstraljani Indiġeni, li għandha 1,400 impjegat.

5 Sottomissjoni għall-Inkjesta Parlamentari, 16/4/2023
6 Diskors tal-Fondazzjoni SEARCH, 12/2/2020
7 Diskors tal-Fondazzjoni SEARCH, 12/2/2020
8 Twitter, 24/1/2023
9 Spectator Australia, 6/4/2023; Sottomissjoni għall-Inkjesta Parlamentari, 19/4/2023

Ikompli l-argument No p.19

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

**Eddie Betts, leġġenda ta' Adelaide u Carlton AFL, raġel Wirangu/Kokatha:**
*"Naf li l-Vuċi mhiex ser issolvi kollox mil-lum għal għada imma nħoss li ser twitti t-triq biex tiżgura li aħna inklużi u rispettati fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet li jaffettwawna."*

## 7. Pariri prattiċi li jaħdmu.

Il-Vuċi ser tagħti pariri dwar il-passi prattiċi li jtejjbu s-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-akkomodazzjoni tal-Indiġeni.

Li l-VuċI titpoġġa fil-Kostituzzjoni itiha stabilità u indipendenza, issa u fil-futur.

Dan ifisser li l-Vuċi tista' tagħti pariri onesti, mingħajr ma tinqabad f'aspetti politiċi fuq perjodu qasir.

**Ma nistgħux insolvu l-isfidi kollha li l-Awstraljani Indiġeni jiffaċċjaw mil-lum għal għada. Irridu azzjoni issa, kif ukoll ippjanar għal tul taż-żmien.**

Għalhekk għandna bżonn Vuċi li ma tistax titneħħa b'daqqa ta' pinna.

Esperti legali għamluha ċara li l-Vuċi mhux ser ikollha l-poter li tipprevjeni, idewwem jew twaqqaf liġijiet jew deċiżjonijiet. **Il-Vuċi tirrigwarda pariri**.

## 8. Biex il-gvern jaħdem aħjar.

Li tivvota Yes tfisser:

- Il-Gvern jirċievi pariri aħjar u jwassal riżultati aħjar.
- Żieda mal-Kostituzzjoni sostnuta mill-esperti.

Avukati Anzjani u dawk li kienu Imħallfin fil-Qorti Għolja kienu parti minn dan il-proċess.

### X'Jgħidu l-Esperti Legali:

- B'saħħitha kostituzzjonalment u legalment.
- Ser **ittejjeb** is-sistema tal-gvern tagħna
- L-ebda poter ta' veto – Il-Parlament u l-Gvern għandhom l-aħħar kelma.

**Robert French AC, Prim Imħallef tal-Qorti Għolja tal-Awstralja 2008-2017**
**u Geoffrey Lindell, Professur Emeritus tal-Liġi, Università ta' Adelaide:**
*"Il-Vuċi hija idea kbira imma mhux kumplikata. Hija riskju baxx għal ritorn għoli…*
*Il-Vuċi ser tipprovdi opportunità prattika għall-Ewwel Popli biex tagħti pariri infurmati, li jagħmlu sens u ta' min joqgħod fuqhom lill-Parlament u lill-Gvern."*
- Artiklu ta' Opinjoni Konġunt, Australian Financial Review, 4/2/2023.

## Issa jiddependi minna.

**Evonne Goolagong Cawley AC MBE, ċampjin numru wieħed tat-tennis fil-passat, mara Wiradjuri:**
*"Li tivvota Yes huwa ċans għall-Awstraljani kollha biex jiċċelebraw il-kontribuzzjoni li l-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait taw lill-pajjiżna u biex jgħinu lill-ġenerazzjoni li jmiss biex isegwu l-ħolm tagħhom. Ejjew napproffittaw ruħna bis-sħiħ minn dan il-mument."*

Il-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait tawna ċans ta' darba f'ġenerazzjoni.

**Nistgħu nivvuttaw Yes biex inkunu parti minn mument kbir ta' għaqda li ser iġib futur aħjar.**

Nistgħu nivvutaw Yes biex:

- Nagħmlu l-affarijiet sew mal-poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.
- Nagħtu vuċi lill-poplu fi kwistjonijiet li jaffettwawhom.
- Nagħmlu differenza prattika li ittejjeb il-ħajja.

Ejjew nivvutaw Yes għar-**rikonoxximent**, **biex nisimgħu** u għal **riżultati aħjar**.

Ikompli l-argument Yes p.20

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**





Il-websajt u l-pjan korporattiv tal-Aġenzija jgħid: "Aħna… niżguraw li l-popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait għandhom vuċi fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom."

M'hemm l-ebda suġġeriment li din il-Vuċi ser tieħu post xi waħda minn dawn. Ser topera bħala burokrazija waħda fost ħafna.

### 9. DIN IL-VUĊI SER TKUN PERMANENTI

Din il-Vuċi m'hijiex prova jew programm pilota. M'hijiex ser tkun f'leġiżlazzjoni li tkun tista' tinbidel.

Ladarba tkun fil-Kostituzzjoni ma tistax terġa' titneħħa.

Ladarba l-Qorti Għolja tagħmel interpretazzjoni, il-Parlament ma jistax imur kontriha.

Ser nibqgħu mwaħħlin bil-konsegwenzi negattivi għal dejjem.

### 10. HEMM MODI AĦJAR BIEX NIMXU 'L QUDDIEM

Dan ir-referendum m'huwiex sempliċiment dwar ir-rikonoxximent tal-Awstraljani Indiġeni fil-Kostituzzjoni.

**Dak jista' jinkiseb mingħajr ma wieħed jorbotha ma' Vuċi riskjuża, mhix magħrufa u permanenti.**

Ir-Rikonoxximent għandu s-sapport mifrux tal-Awstraljani. Madankollu, il-proposta tal-Vuċi hija l-problema.

Hemm ħafna Awstraljani li jopponu Vuċi bħala prinċipju.

Oħrajn forsi jkunu lesti li jikkunsidraw għażla ta' Vuċi anqas riskjuża, imma l-Gvern ma takx din l-għażla.

Meta qabel ġew proposti tibdil fil-Kostituzzjoni, saret Konvenzjoni Kostituzzjonali biex jiġu ikkunsidrati għażliet u dettalji kif suppost.

L-ebda proċess bħal dan ma sar hawn. Dan il-proċess kien mgħaġġel u aħrax wisq.

Dan l-approċċ la jġieb għaqda, u lanqas hu effettiv. Huwa diviżiv.

## ID-DEĊIŻJONI HIJA TIEGĦEK

Din hija deċiżjoni importanti ħafna. Sfortunatament, il-mistoqsijiet u ħassib leġittimi ta' ħafna Awstraljani ġew imwarrbin.

Fortunatament, dan ir-referendum mhux ser ikun deċiż minn politiċi, korporazzjonijiet jew personalitajiet famużi.

Ser ikun deċiż minn kull Awstraljan. Jaffettwa lil kull Awstraljan.

**Jekk ma tafx, ivvota no.**

## AKTAR INFORMAZZJONI

Għal informazzjoni u aġġornamenti mur fis-sit:

- www.riskyvoice.com
- www.oneandfree.au
- www.australiansforunity.com.au

TMIEM L-ARGUMENT **NO**.

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

# L-argument biex tivvota **Yes**

Ejjew nivvutaw Yes biex niżguraw li l- poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait jgħixu aħjar b'aktar opportunitajiet għat-tfal tagħhom.

Fi spirtu ta' għaqda, ejjew nivvutaw Yes flimkien.

**TMIEM L-ARGUMENT YES.**

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw favur il-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**



# L-argument biex tivvota **No**

L-argumenta No spiċċa f'paġna 19

**Minn min inkiteb?** **Il-kontenut ta' dan l-argument (li wieħed jista' jara fis-sit aec.gov.au/referendums/pamphlet.htm) ġie awtorizzat minn maġġoranza ta' dawk il-Membri tal-Parlament li vvutaw kontra l-liġi proposta u li xtaqu li jmexxu 'l quddiem tali argument. Dan il-kliem ġie ppubblikat mill-Kummissarju Elettorali mingħajr emendi.**

Din il-paġna tħalliet vojta apposta.



AEC
Australian Electoral Commission

# Il-gwida uffiċjali tiegħek
## għar-referendum 2023

**aec.gov.au**
13 23 26

**Meta huwa l-jum tal-votazzjoni?**
Għal aktar informazzjoni, skennja l-kodiċi QR jew żur is-sit **aec.gov.au/referendums**

Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, 10 Mort Street, Canberra
Authorised by the Electoral Commissioner, 10 Mort Street, Canberra

# **Messaġġ mill-**Kummissarju Elettorali

Għadda ftit taż-żmien minn mindu kellna referendum. L-aħħar wieħed sar fl-1999, li jfisser li għal ħafna nies li qed jaqraw dan ser tkun l-ewwel darba li qatt ivvutaw f'referendum.

Referendum huwa vot nazzjonali fuq mistoqsija dwar bidla proposta fil-Kostituzzjoni – f'dan il-każ, jekk għandhiex tinbidel il-Kostituzzjoni biex tirrikonoxxi l-Ewwel Popli tal-Awstralja billi titwaqqaf Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

Il-votazzjoni f'referendum hija differenti minn elezzjoni, u r-riżultat huwa ibbażat fuq kif tivvota 'maġġoranza doppja' – jiġifieri:

- maġġoranza nazzjonali (aktar minn 50%) mill-istati u t-territorji kollha, u
- maġġoranza (aktar minn 50%) f'maġġoranza tal-istati (mill-inqas erba' mis-sitt stati).

L-AEC żviluppat din il-gwida biex tgħinek tippjana għall-vot tiegħek fir-referendum, inkluż kif tivvota b'mod korrett, x'jiġri fil-post tal-votazzjoni u suġġerimenti kif tiċċekkja sorsi ta' informazzjoni.

Ser ikollna aktar minn 7,000 post tal-votazzjoni miftuħa madwar il-pajjiż fil-jum tal-votazzjoni, opportunitajiet biex tivvota kmieni, u aktar timijiet li joffru Servizzi Remoti għall-Votant (Remote Voter Services) li jżuru postijiet remoti minn qatt qabel.

Li tkun imparzjali u indipendenti hija s-sisien tal-Kummissjoni Elettorali tal-Awstralja. It-trasparenza, sigurtà u kontabilità fil-proċessi li nmexxu huma sinifikanti u jidhru sew.

Jiena kburi bir-rwol li naqdu f'li nwasslu referendum b'integrità f'kull pass tal-proċess.

Żur **aec.gov.au/referendums** għal aktar informazzjoni.

**Tom Rogers**
Kummissarju Elettorali

AKTAR MINN
97%
ta' votanti eliġibbli fir-reġistru elettorali

7,000+
Postijiet tal-votazzjoni

500+
Ċentri għall-votazzjoni bikrija

SA
100,000
Ħaddiema tar-referendum temporanji

# **Ippjana bil-quddiem biex tivvota fir-referendum**

## Il-postijiet tal-votazzjoni ser jiftħu fit-8am u jagħlqu eżatt fis-6pm

### Min għandu jivvota?

Iċ-ċittadini Awstraljani kollha ta' 18-il sena u aktar huma meħtieġa li jirreġistraw u jivvutaw f'dan ir-referendum.

### Fejn nista' nivvota?

Tista' tivvota fi kwalunkwe post tal-votazzjoni fl-istat jew territorju tiegħek fil-jum tal-votazzjoni. Il-postijiet tal-votazzjoni huma miftuħin mit-8am sas-6pm.

Ġeneralment il-postijiet tal-votazzjoni jkunu fi skejjel, knejjes, swali komunitarji u binjiet pubbliċi lokali. Biex issib l-eqreb post tal-votazzjoni tiegħek żur **aec.gov.au/where**

Jekk għandek restrizzjoni fil-mobbiltà jew xi diżabilità, jew tieħu ħsieb lil xi ħadd li għandu dan, tista' tiċċekkja d-dettalji tal-aċċessibiltà tal-postijiet tal-votazzjoni f' **aec.gov.au/where**

Għal għażliet tal-votazzjoni għal min hu għama jew b'vista baxxa, żur **aec.gov.au/assistance** jew ċempel **13 23 26**.

### X'jiġri jekk jiena ninsab fi stat jew territorju ieħor?

Jekk ser tkun fi stat ieħor fil-jum tal-votazzjoni tista' tivvota f'ċentru apposta għal votazzjoni fi stat ieħor jew ikkunsidra l-għażliet ta' votazzjoni bikrija.

### X'jiġri jekk ma nistax immur nivvota fil-jum tal-voazzjoni?

Jekk ma tistax tmur f'post tal-votazzjoni fl-istat jew territorju tiegħek, tista' tkun eliġibbli li tivvota kmieni personalment jew bil-posta.

### Kif tivvota kmieni personalment

Jekk inti eliġibbli, tista' tivvota qabel il-jum tal-votazzjoni. Ċentri tal-votazzjoni bikrija jiftħu mit-Tnejn ta' ħmistax qabel jum il-votazzjoni. Id-dati u l-ħinijiet tal-ftuħ ivarjaw, għalhekk żur **aec.gov.au/where** biex tiċċekkja d-dettalji ta' kull ċentru.

Għal aktar informazzjoni dwar votazzjoni bikrija u biex tiċċekkja jekk intix eliġibbli, żur **aec.gov.au/early** jew ċempel **13 23 26**.

### Kif tivvota kmieni bil-posta

Il-votazzjoni bil-posta hija disponibbli għal votanti eliġibbli. Iċċekkja l-eliġibbiltà tiegħek u applika onlajn f'**aec.gov.au/pva** jew billi tiskenja l-kodiċi QR.

Jekk jogħġbok ċempel **13 23 26** jekk m'għandekx aċċess onlajn u tixtieq li tapplika għal vot postali.

Imla l-applikazzjoni tiegħek għal vot postali ħalli tasal għand l-AEC **mhux aktar tard mis-6pm tal-Erbgħa qabel il-jum tal-votazzjoni.**

# **Ieqaf u kkunsidra**

## Iċċekkja s-sors f'dan ir-referendum

Waqt iż-żmien tar-referendum jista' jkun li tiltaqa' ma' informazzjoni dwar il-proċess tal-votazzjoni li m'hijiex sapportjata minn evidenza, li hi nieqsa mill-kuntest jew li hija qarrieqa.

L-AEC hija l-aġenzija indipendenti li għandha r-responsabbiltà li tmexxi r-referendum. Ser nikkomunikaw mal-votanti dwar l-obbligu tagħhom li jieħdu sehem, l-għan tar-referendum u dwar l-għażliet ta' kif tivvota.

Huwa importanti li tikkonsidra b'mod kawtel dak li tara, tisma' u taqra dwar il-proċess tar-referendum.

Ħu l-ħin tiegħek biex tikkonsidra jekk l-informazzjoni hijiex:

- minn sors ta' min joqgħod fuqu jew li jingħaraf
- kurrenti
- sikura (mhux qarrieqa).

Dan huwa partikolarment importanti meta tkun fuq il-media soċjali u onlajn.

Mur fuq **aec.gov.au/stopandconsider** għal aktar informazzjoni u vidjows qosra b'suġġerimenti utli.






# **X'jiġri fil-post tal-votazzjoni?**

1. Meta tasal fil-post fejn tinħareġ il-karta tal-vot uffiċjal tal-votazzjoni isaqsik għal ismek u l-indirizz sħiħ, u jekk tkunx diġà ivvutajt fir-referendum 2023. Ismek jiġi immarkat fil-lista elettorali.
2. Tingħata il-karta tal-votazzjoni tiegħek.
3. Aqra sew l-istruzzjonijiet fil-karta tal-vot.
4. Imla l-karta tal-vot tiegħek.
5. Meta timla l-karta tal-vot tiegħek, itwiha u poġġiha fil-kaxxa tal-voti ipprovduta.
6. Jekk użajt lapes tal-AEC, poġġih fil-kaxxa inti u ħiereġ. Ser ikun hemm sanitiser tal-idejn ħdejn il-ħruġ.

**Ftakar, jekk għandek bżonn l-għajnuna, tista' iġġib lil xi ħadd li tafda miegħek jew staqsi lil xi uffiċjal tal-votazzjoni.**

L-AEC tieħu s-sigurtà tal-votanti u l-impjegati tagħna bis-serjetà. L-AEC qed tkompli tissorvelja l-ambjent tal-COVID-19 u issegwi l-pariri mill-awtoritajiet tas-saħħa konċernati. L-informazzjoni f'din il-gwida tirrifletti ċ-ċirkostanzi ta' meta qed tiġi stampata. Dan jista' jirriżulta f'tibdil fil-miżuri li jkun hemm fis-seħħ.

Ser ikun hemm sanitiser tal-idejn u inti mħeġġeġ li iġġib u tilbes maskra tal-wiċċ u żżomm distanza fiżika. Tista' tuża lapes nadif tal-AEC, jew tista' iġġib lapes jew pinna tiegħek stess.

# Kif tagħmel biex il-vot tiegħek ikun jgħodd

Għal dan ir-referendum ser tirċievi karta tal-vot bil-bidla proposta fil-Kostituzzjoni Awstraljana.

Fuq il-karta tal-vot:

Ikteb **YES** jekk tapprova il-bidla proposta


OFFICIAL USE ONLY
Commonwealth of Australia
BALLOT PAPER
State/territory
Referendum on proposed Constitution alteration
DIRECTIONS TO VOTER
Write "YES" or "NO" in the space provided opposite the question set out below.
A PROPOSED LAW:
There would be a description of the proposed constitutional change here.
DO YOU APPROVE THIS PROPOSED ALTERATION?
YES
WRITE "YES" OR "NO"
AEC Australian Electoral Commission
SAMPLE

Kampjun ta' karta tal-vot

**JEW**

Ikteb **NO** jekk ma tapprovax il-bidla proposta


OFFICIAL USE ONLY
Commonwealth of Australia
BALLOT PAPER
State/territory
Referendum on proposed Constitution alteration
DIRECTIONS TO VOTER
Write "YES" or "NO" in the space provided opposite the question set out below.
A PROPOSED LAW:
There would be a description of the proposed constitutional change here.
DO YOU APPROVE THIS PROPOSED ALTERATION?
NO
WRITE "YES" OR "NO"
AEC Australian Electoral Commission
SAMPLE

Kampjun ta' karta tal-vot

Ir-risposta tiegħek trid tinkiteb bl-Ingliż.

Tinkwetax jekk tagħmel żball.
Tista' titlob karta tal-vot oħra u ibda mill-ġdid.

**Li tivvota huwa obbligatorju għaċ-ċittadini Awstraljani kollha ta' 18-il sena u aktar. Jekk ma tivvotax, tista' tkun immultat jew imressaq il-qorti. Huwa reat kriminali jekk tivvota aktar minn darba.**

Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, 10 Mort Street, Canberra | Authorised by the Electoral Commissioner, 10 Mort Street, Canberra